# Charles Zammit - Eroj Belti f'mumenti diffiċli

● Attakkant dinamiku li laħaq il-massimu tiegħu ma' Valletta billi rreċiproka l-fiduċja b'bosta gowls importanti meta t-tim kien għaddej minn fażi ta' transizzjoni. Bla dubju jibqa' mniżżel bħala l-eroj Belti li kien il-protagonista fir-rebħ taż-żewġ unuri tal-Cassar Cup f'perijodu ta' nixfa ta' suċċessi.

**Charles Zammit** twieled fl-1 ta' Novembru, 1944, fil-Ħamrun. Wara li lagħab mat-timijiet distrettwali ta' Ħamrun Rovers, Hamrun Democrates u Hamrun Eagles, ingħaqad ma' Birkirkara fl-età ta' 18-il sena fejn iddebutta nhar il-5 ta' Jannar, 1963, fit-telfa ta' 2-1 kontra Sliema Wanderers b'gowls ta' Joe Cini u Robbie Buttigieg filwaqt li Emanuel Tonna wieġeb għal Birkirkara. Huwa lagħab erba' logħbiet dak l-istaġun filwaqt li fl-istaġun sussegwenti lagħab il-logħob kollu fit-Tieni Diviżjoni.

Fl-1964-65, Charles, lagħab għal staġun wieħed biss ma' Ħamrun Spartans fejn għamel id-debutt nhar l-24 ta' Ottubru, 1964, fit-telfa ta' 4-0 kontra Ottubru, b'gowls ta' Frankie Zammit (2), Paul Gauci u George Micallef. Matul dak l-istaġun lagħab 12-il partita u skorja żewġ gowls, bl-ewwel wieħed jasal fit-28 ta' Novembru, 1964, fir-rebħa ta' 1-0 fuq Gzira United.

Fis-sajf 1965, irreġistra ma' Valletta fejn lagħab għal erba' staġuni li fihom lagħab 36 partita u skorja 12-il gowl. Huwa ddebutta nhar it-23 ta' Ottubru, 1965, fit-telfa ta' 2-0 kontra Floriana b'gowls ta' Lolly Borg u Nenu Chircop.

Fatt interessanti kien li fil-logħba kontra Floriana, ta' nhar it-12 ta' Frar, 1967, Charles lagħab fil-pożizzjoni ta' gowlkiper minflok l-imweġġgħin Ċensu Borg Bonaci u Bertu Zarb Cousin. Dak in-nhar Valletta tilfu bl-iskor ta' 3-0 b'gowls ta' Charles Buttigieg (2) u Louis Arpa.

Ma' Valletta rebaħ darbtejn il-Cassar Cup fejn fiż-żewġ okkażjonijiet Charles kien il-protagonista. Fl-ewwel suċċess, dak ta' nhar id-9 ta' Jannar, 1966, Valletta għelbu lil Sliema Wanderers bl-iskor ta' 3-1 fejn Charles skorja hat-trick b'Joe Cini jirrispondi




għat-telliefa.

Fit-tieni waħda, dik ta' nhar is-27 ta' Ottubru, 1968, Valletta reġgħu għelbu lil Sliema Wanderers bl-iskor ta' 2-1. Joe Cini skorja għas-Slimiżi filwaqt li Joe Borg u proprju Charles skurjaw għall-Beltin fejn Charles skorja l-gowl tar-rebħa u l-aħħar gowl ta' din il-kompetizzjoni minħabba li ġiet xolta.

Fis-sajf 1969, huwa ffirma ma' Zebbug Rangers fit-Tieni Diviżjoni biex għamel id-debutt nhar id-9 ta' Novembru, 1969, fid-draw ta' 1-1 kontra Birkirkara. Ġillu Pace fetaħ l-iskor għall-Karkarżi b'Philip Bugeja jikseb id-draw. Huwa għen lit-tim Zebbugi jikseb postu fl-ogħla diviżjoni qabel ma rtira għal kollox.

***Kif inġbidt lejn il-logħba u bdejt il-karriera tiegħek?***

Minn età żgħira missieri, Alfred, kien jeħodni miegħu l-grawnd biex naraw lil Ħamrun Spartans, fejn ħuh Ġużi kien jilgħab bħala difensur ċentrali.

Iżda qatt ma kien favur li jien nilgħab il-futbol u għaldaqstant kont immur nilgħab bil-moħbi tiegħu. Dan minħabba li ma riedx li jiġrili l-istess li ġara lil ħuh għax kien weġġa' u kien dam ħafna barra mill-azzjoni.

L-imħabba tiegħi lejn il-logħba bdiet fit-toroq tal-Ħamrun u meta bdejt nattendi l-iskola tal-primarja kont niġi magħżul b'mod regolari.

L-ewwel tim li ngħaqadt miegħu kien Ħamrun Rovers (meta kelli 12-il sena) iżda wara biss sena sfaxxa u bosta mill-plejers issieħbu fit-tim ta' Ħamrun Democrates. Sadanittant kont fl-iskwadra ta' l-iskola sekondarja tal-Kulleġġ Monte Carmeli li konna nieħdu sehem fil-kampjonati distrettwali ta' l-iskejjel.

Wara li t-tim ta' Hamrun Democrates sfaxxa wkoll, issieħibt mat-tim ta' Taħt is-16-il sena, Ħamrun Eagles, li konna nikkompetu f'*interleague* bejn tmien timijiet fil-Ħamrun stess.

Meta ħriġt mill-iskola mort naħdem bħala apprendist ma' R.E.M.E. (Royal Electric & Mechanical Engineering) fejn kont nilgħab ukoll mat-tim tax-xogħol. Ġara li miegħi kienu jaħdmu żewġ membri tal-kumitat ta' Birkirkara fejn stednuni biex ningħaqad mat-tim tagħhom.

Fis-sajf 1962, iffirmajt ma' Birkikara fejn iddebuttajt fl-ogħla diviżjoni, fit-telfa ta' 2-1 kontra Sliema Wanderers, f'Jannar, 1963. Iżda f'dak l-istaġun stess sfajna relegati u wara staġun fit-Tieni Diviżjoni, issieħibt ma' Ħamrun Spartans fl-1964-65 fejn iddebuttajt f'Ottubru, 1964, fit-telfa ta' 4-0 kontra Valletta.

Ma' l-Ispartans domt biss sena wara li kienu akkwistaw lill-plejers George Tonna, Lolly Zarb u Karmenu Galea. Tlabt lill-kumitat Ħamruniż biex ikolli l-istess negozjati u trattament ta' dawn it-tliet plejers iżda t-talba tiegħi ġiet miċħuda. Fl-istess waqt, Valletta kienu nteressati fis-servizzi tiegħi, tant, li offrewli anke karozza, biex finalment għażilt din id-destinazzjoni fis-sajf 1965. Għamilt l-ewwel dehra tiegħi f'Ottubru, 1965, fit-telfa ta' 2-0 kontra Floriana.

Ma' Valletta domt nilgħab għal erba' staġuni fejn ilħaqt il-massimu tal-karriera tiegħi. Iżda kontra qalbi kelli nitlaq minn ma' Valletta minħabba xi differenzi mal-kumitat u f'Novembru, 1969, iffirmajt ma' Zebbug Rangers fit-Tieni Diviżjoni fejn għenthom jirbħu l-promozzjoni għall-Ewwel Diviżjoni. Dak l-istaġun spiċċajnieh bi 22 punt flimkien ma' Marsa iżda tlifna l-logħba deċiżiva għar-rebħ tal-kampjonat bl-iskor ta' 1-0.

***Min kienu l-akbar influwenza fil-karriera tiegħek?***

L-aktar plejer li nfluwenzani fit-tim ta' Birkirkara kien Frans "Lula" Bonnici. Kont għadni plejer immatur iżda fih rajt ispirazzjoni kbira minħabba li kien imżejjen b'doni straordinarji. Bla dubju, kien jistħoqqlu li jintgħażel ma' l-iskwadra nazzjonali iżda fl-istess pożizzjoni tiegħu kien jilgħab Pullu Demanuele "Il-Koku" ta' Floriana li ftit rajna bħalu fil-kampjonat domestiku.

Fit-tim ta' Ħamrun Spartans, Martin Attard u Lolly Muscat għenuni ħafna biex nikseb l-esperjenza fl-ogħla diviżjoni. Iżda l-akbar influwenza kienu Josie Urpani u l-kowċ ta' Valletta Carm Borg. Inqis lil Borg bħala wieħed mill-aqwa kowċis ta' kull żmien bl-interess li kien juri f'kull plejer b'pariri siewja u b'tattiċi eċċellenti.

Urpani kien uniku. Kien il-missier ta' kull plejer Belti. Kien il-koordinatur, il-polz u l-adrenalina tat-tim u fuq kollox kien


Charles Zammit illum

bniedem modest għall-aħħar.

Bniedem ieħor li kien jagħtini kuraġġ kien missier il-mara, Joseph Bonnici, għax kien ammiratur u partitarju kbir tiegħi.

***Min kien l-idolu tiegħek?***

Irrid nistqarr li għalkemm Sliema kienu l-aktar tim rival, l-idolu tiegħi kien Ronnie Cocks. Niddeskivieh bħala ... affaxxinanti!

Kien plejer speċjali b'doni naturali li kellu l-livell li jilgħab f'kampjonati barranin. Litteralment kien jiżfen bil-ballun u jisserrep mad-difensuri avversarji li ma kienux ikunu jafu x'laqathom!!! Daqshekk kien tajjeb Ronnie.

Għalkemm inħossni onorat li lgħabt kontra tiegħu xtaqt li kont fl-istess tim miegħu għax nemmen li kont intejjeb il-prestazzjonijiet tiegħi għax kien distributur eċċellenti. Plejers bħal Ronnie, illum il-ġurnata saret biss ħolma. Min laħaq lil dan il-plejer Slimiż jilgħab jaf x'qed ngħid.

***L-aktar difensuri diffiċli?***

Lgħabt kontra bosta difensuri diffiċli iżda l-aristokratiċi ta' kull tim kienu Eddie Vella (Valletta), Alfred Debono (Floriana), Louis Theobald (Hibernians) u Leli Micallef (Sliema Wanderers). Kellhom l-istess eleganza, intelliġenza u puntwalità.

***Għaliex kienu jsejħulek il-"gidi"?***

Dan il-laqam kien oriġina mill-iskola minħabba li fli Sports Day kont dejjem niġi minn ta' quddiem. Niftakar li fil-perijodu meta kont ma' Valletta, l-MFA kienet qed tippjana biex tiżra t-turf fl-Empire Stadium u għaldaqstant bħala prova ġiet miżrugħa xi żerriegħa f'roqgħa wara l-lasti in-naħa ta' Floriana side. Iżda t-turf qatt ma nibet.

F'dak il-perijodu dan is-suġġett kien fuq fomm kulħadd u waqt logħba kontra Hibernians, instemgħet vuċi li għajtet, "Kif jista' jinbet it-turf meta fiż-żewġ timijiet hemm gidi u nagħġa!!!" Kienet battuta ħelwa ħafna li ġabet tbissima fost kulħadd.

Ovvjament kien qed jirreferi għalija u għal Frans Xuereb ta' Hibernians li kien magħruf bħala "In-Nagħġa". Nixtieq insellem lil dan il-ġentlom tas-servizz li ta lill-futbol domestiku u li llum ma għadux magħna.

***Liema kienu l-aktar mumenti sbieħ u dawk koroh fil-karriera tiegħek?***

L-isbaħ mumenti tiegħi kienu r-rebħ tal-Cassar Cup, għax fiż-żewġ finali kont l-eroj ta' Valletta.

F'dik tad-9 ta' Jannar, 1966, skurjajt tripletta bit-tielet gowl jibqa' marbut ma' qalbi meta f'azzjoni personali qbiżt lid-difensuri Slimiżi, Salvu Bonnici u Frans Falzon qabel ma fajjart xutt għal ġor-rokna tax-xibka biex issiġillajt ir-rebħa.

Fit-tieni final, tas-27 ta' Ottubru, 1968, skurjajt il-gowl tar-rebħa ta' 2-1 kontra l-istess Wanderers. Illum, inħares lejn dawn iż-żewġ logħbiet b'sodisfazzjon kbir minħabba li ismi jibqa' mniżżel b'ittri tad-deheb fl-istorja tas-suċċessi tal-klabb ta' Valletta.

Wieħed mill-akbar diżappunti tal-karriera tiegħi kien meta tlaqt minn ma' Valletta. Kont kuntent ħafna għax il-partitarji Beltin kienu uniċi u kienu wkoll il-motivazzjoni tagħna l-plejers. Iżda għal xi raġuni jew oħra bdejt nitlef post regolari fit-tim. Kien mument frustranti li wara li qgħadt nirrifletti, iddeċidejt li nitlaq għalkemm kienet deċiżjoni diffiċli.

Mument ikraħ kienet it-telfa kbira ta' 9-0 ta' Birkirkara kontra Hibernians, nhar is-6 ta' April, 1963, li kienet tfisser relegazzjoni għat-Tieni Diviżjoni li fiha skurjaw Eddie Theobald (3), Frans Scerri (2), John Attard (2), Salvu Gatt u Anthony Hili.

Għaddejt esperjenza kerha fl-ewwel staġun tiegħi ma' Valletta, minħabba l-konsegwenzi tal-logħba ta' l-24 ta' April, 1966, kontra Sliema Wanderers li kellha tiġi abbandunata meta, fuq ordni tal-kumitat, ħriġna mill-grawnd.

Wara biss erba' minuti, il-Wanderers ħolqu l-ewwel attakk li fih Ronnie Cocks daħal fil-kaxxa u deher jaqa' meta d-difensur Joe Bugeja pprova jantiċipah.

Ir-referi, John Galea, saffar mill-ewwel għal penalti liema deċiżjoni ma nizlitx tajjeb mal-kamp Belti biex qamu bosta protesti u qam pandemonju fejn kellha tintervjeni wkoll il-pulizija.

Il-plejers Beltin ġew ordnati jħallu l-grawnd bil-partitarji (taż-żewġ naħat) juru d-diżapprovazzjoni għax riedu l-flus lura!!

Il-kummissarju tad-dixxiplina kien ħareġ pieni ħorox fuq il-klabb Belti fosthom li jiġi relegat għat-Tielet Diviżjoni u japplika biex jerġa' jikkompeti.

Il-każ kien instema' fil-Parlament u wara ħafna pressjoni, fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja ta' l-MFA, li saret f'Awissu, 1966, il-Kunsill iddeċieda li l-każ tar-relegazzjoni jitneħħa u jinbidel bit-tnaqqis ta' żewġ punti, multa ta' Lm100 u sospensjoni tal-kowċ Carm Borg u l-captain tat-tim Frankie Zammit.


Charles Zammit bil-flokk ta' Valletta fl-1966